**74. Il-Ministru għall-Ambjent, l-Onor. Michael Falzon jipproponi:**

Billi l-Gvern tar- Repubblika ta' Malta beħsiebu jagħti b'ċens lil Fort Chambray Limited, il-Fortizza ta' Chambray u Art Adjaċenti fil-limiti ta' Għajnsielem, Għawdex, deskritta aħjar fl-Abbozz ta' Ftehim imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, għaż- żmien, biċ-ċens u taħt il-kondizzjonijiet li jinsabu fl-istess abbozz;

U billi huwa maħsub fil- paragrafu (c) ta' subartiklu (1) ta' artiklu 3 tal-Att dwar it- Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern, Kap. 268, li l- art li tkun proprjetà tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita "skont riżoluzzjoni speċjali tal- Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-ħin tat-trasferiment";

U billi huwa xieraq li t- trasferiment fuq imsemmi jsir skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad- Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li l-Fortizza ta' Chambray u art adjaċenti fil-limiti ta' Għajnsielem, Għawdex deskritta aħjar fl-abbozz tal-ftehim li jinsab imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tiġi mogħtija b'ċens lil Fort Chambray Limited għaż-żmien, għall-iskop u skont il-pattijiet u kondizzjonijiet li jinsabu fl- istess abbozz.

09.12.1992

**L-Onor. Alfred Sant ressaq din l-Emenda "A":**

Ħassar il-kliem kollu wara "Billi" u daħħal il- kliem: "Il-Kamra taqbel li Forti Chambray u l-inħawi ta' madwar jiġu utilizzati għal skopijiet turistiċi, bil-kondizzjoni li l-aspetti ambjentali, soċjali, u patrimonjali kollha jiġu mħarsa bis-sħiħ.

Tirriżolvi li wara li jitlestew id-dettalji kollha meħtieġa fid-dawl ta' dak kollu li ntqal sew f'dan il- Parlament, kif ukoll barra minnu, dan il-lok jinħareġ għall-offerti minn dawk li huma nteressati fl- iżvilupp sostenibbli tiegħu, dejjem bil-għan li jkunu mħarsa l-aħjar interessi ta' Għawdex u l-poplu kollu.

Tirriżolvi wkoll li kollox isir bl-aktar mod trasparenti, mhux l-anqas fil-każ ta' dawk interessati li jwieġbu s-sejħa għall-offerti.".

**13.01.1993**

**L-emenda m'għaddietx.**

**Il-mozzjoni għaddiet b'votazzjoni fis-Seduta 94 tat-18 ta' Jannar 1993.**